MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 166/2000/1

.

Farrugia Brothers Gozo Transport Limited .

vs

Anthony Mizzi .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenut huwa debitur lejn is-soċjeta' attriċi versu s-somma ta' elf mija u disgħa u għoxrin liri maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm1,129.53c), liema flus in parti ġew żborżati mis-soċjeta' attriċi fl-interess tal-konvenut biex setgha jiġi rilaxxat mill-freeport il-container tal-konvenut bin-numru MSCU278985.1, in parti s-soċjeta' attriċi żborzathom lil Freight Services Limited fl-interess ukoll tal-konvenut bħala spejjeż tas-servizzi mogħtija lill-istess

konvenut mill-imsemmija kumpanija tat-trasport bil-baħar għat-trasport u nolleġġ tal-istess container sakemm dan wasal sal-Freeport f'Malta, u in parti ġew żborzati fi spejjeż tat-trasport biex l-istess container ġie trasportat mill-Freeport għal Għajnsielem, Għawdex, fejn riedu l-konvenut ;

Illi minn dan l-ammont il-konvenut baqa' ma ħallas xejn minkejja li jaf li s-soċjeta' attriċi ħallset fl-interess esklussiv tiegħu dawn il-flus ;

Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas dawn il-flus kemm permezz ta' statements regolari kif ukoll permezz ta' żewġ ittri uffiċjali tal-4 ta' Novembru 1997 u tal-25 ta' Settembru 1998, huwa baqa' inadempjenti .

Talbet lill-konvenut jgħid ghaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek konvenut debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' elf mija u disgħa u għoxrin liri maltin u tlieta u ħamsin ċentezmu (Lm1.129.53c) ;

2. Tikkundanna lilek konvenut iħallas lis-soċjeta' attrici din is-somma hekk dikjarata dovuta minnek .

Bl-imgħaxijiet b'effett minn meta s-soċjeta' attriċi ħallset dawn il-flus sal-effettiv pagament tagħhom .

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittri uffiċjali tal-4 ta' Novembru, 1997 u tal-25 ta' Settembru, 1998, kontra l-konvenut kif ukoll l-ispejjeż tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek .

Rat id-dDikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' attriċi maħlufa minn Teddy Farrugia .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attriċi huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sena ai termini tal-artikolu 2147(d) tal-Kodiċi Ċivili; kif ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artiklu 2149(d) tal-istess Kodiċi Ċivili ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma għandu jagħti xejn lis-soċjeta' attriċi, għaliex kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-ammont imħallas mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' Freight Services Limited jinkludi ammont illi ġia inġustament u skorrettement imħallas bħala dazju . Dan peress illi l-valur ta' oġġetti illi kienu ġew importati mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u illi kellhom il-valur tagħhom dikjarat f'dollari amerikani ġie invece kalkolat fl-istess figuri f'liri maltin, bil-konsegwenza illi l-ammont ta' dazju imħallas kien madwar darbtejn u nofs l-ammont ta' dazju pagabbli fil-verita' .

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalunkwe ammont illi talvolta jista' jkun dovut lis-soċjeta' attriċi għandu jiġi ekwiparat u paċut ma' ammont akbar ili l-esponenti għandu jieħu mingħand l-istess soċjeta' attriċi in vista tal-fatt illi huwa għad għandu depozitati f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana ammont ta' madwar sitt mitt lira maltija (Lm600) kif ukoll żewġt isnieter (*Shotgun u rifle* antika) iolli huwa baqa' dejjem fl-impossibilita' illi jirtirahom unikament għaliex is-soċjeta' attriċi naqset illi tikkonsenjalu d-dokumenti relattivi .

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuti fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament maħlufa minnu .

Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenut il-ħlas tal-bilanċ minn somma akbar allegatament dovuta għall-ħruġ ta' *container* mid-Dwana

ta' Malta u t-trasport tiegħu sad-dar tal-konvenut f'Għajnsielem .

Għal din it-talba l-konvenut eċċepixxa fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' sena a tenur ta' l-artikolu 2147(d) tal-Kodiċi Ċivili . Għalkemm it-trasport bil-baħar u l-art tal-*container* tal-konvenut kien parti mis-servizz provdut mis-soċjeta' attriċi, l-inkarigu tagħha kien jinkludi doveri oħra wkoll u għalhekk din l-eċċezzjoni mhix applikabbli .

Il-konvenut eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2149 (d) . Kif ser jiġi spjegat aktar l-isfel, l-inkarigu tas-soċjeta' attriċi, kien forma ta' mandat mogħti lilha mill-konvenut u għalhekk dan is-subartikolu iżjed jgħodd għal każ in eżami . Madankollu ma laħqux skadew is-sentejn rikjesti mil-liġi għall-preskrizzjoni . Dan għaliex, għalkemm is-servizzi tas-soċjeta' attriċi ġew resi f'Awissu 1996 u din il-kawża kien intavolata fil-25 ta' Settembru 2000, fil-frattemp laħqu ġew ippreżentati żewġ ittri uffiċjali kontra l-konvenut, waħda fl-4 ta' Novembru 1997[1] u l-oħra fil-25 ta' Settembru 1998[2] u debitament notifikati lilu fis-6 ta' Novembru 1997[3] u fit-28 ta' Settembru 1998[4] rispettivament,[5] u għalhekk entro t-terminu stipulat bil-liġi għal din il-preskrizzjoni .

Fil-mertu mbagħad il-konvenut qed jirrifjuta li jħallas l-ammont mitlub, bażikament għal tliet raġunijiet ewlenin : (a) li tħallas dazju ferm aktar minn dak li kien realment dovut; (b) ma setax jirtira d-depożitu ta' sitt mitt lira maltija (Lm600) li kien għamel ma' tad-Dwana minħabba li ma kienx cittadin malti, għax id-diretturi tas-soċjeta' attriċi rrifjutaw li jgħaddulu d-dokumentazzjoni meħtieġa qabel ma jħallas l-ammont minnhom mitlub; u (c) ma setax jirtira żewġ armi miżmuma mid-Dwana għall-istess raġuni .

Il-Qorti taqbel ma' dak li jissottometti l-konvenut fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu[6] illi r-relazzjoni ġuridika li

[1] Dok. TF 1 a fol. 15 tal-process .
[2] Dok. TF 2 a fol. 17 .
[3] ara kopja tar-riferta a fol. 16 .
[4] ara kopja tar-riferta a fol. 17 v
[5] art. 2128, 2130 (1) tal-Kap. 16
[6] a fol. 89

kienet tezisti bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut kienet dik ta' mandatarju u mandant, naturalment kontra korrispettiv, billi s-soċjeta' attriċi hija waħda kummerċjali . Imma għal parti mix-xogħol meħtieġ is-soċjeta' attrici qabbdet kumpanija oħra . Dan jikkonfermah ukoll Teddy Farrugia, wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' attriċi meta qal fl-affidavit tiegħu : "… *l-kuntatt mal-kumpanija Freight Services Limited kien sar minna u l-kuntratt għar-rilaxx u t-trasport tal-container mid-Dwana kien sar mill-konvenut mal-kumpanija ta' Farrugia Brothers.*"[7]

Ġara pero' illi l-kumpanija li ġiet delegata mis-soċjeta' attriċi sabiex tieħu ħsieb id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għar-rilaxx tal-*container* tal-konvenut mid-Dwana għamlet *overpayment* tad-dazju dovut . B'dan induna biss żmien wara l-konvenut, wara li kienu laħqu saru l-pagamenti kollha u huwa rċieva l-kont mingħand is-soċjeta' attriċi . Li sar dan l-*overpayment* ġie ammess minn Vito Alfieri tal-Freight Services Limited, meta stqarr fl-affidavit tiegħu illi "*tad-Dwana kienu ħadu żball u żammewlu ħlas żejjed peress illi d-dazju minnhom kien inħadem fuq l-invoice/ricevuta li kienet ġiet minnu prodotta għax-xiri ta' dan l-apparat, liema invoice/ricevuta ma kienitx tindika b'mod ċar jekk l-ammont ta' fuqhom kienux flus maltin jew flus amerikani u tad-Dwana kienu ħadmu d-dazju fuq l-ammonti fi flus maltin*."[8]

Madankollu d-diretturi tas-soċjeta attriċi, li qabdu u ħallsu l-flus kollha sborżati mill-Freight Services Limited, għax hekk kien il-ftehim magħhom, insistew kif għadhom jinsistu b'din il-kawża, li l-konvenut iħallas kollox u mbagħad jitħabat hu ma' tad-Dwana biex jirkupra d-differenza .

Hawnhekk wieħed irid jara x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju u jekk jistax jingħad li kien hemm xi negliġenza da parti tiegħu . Il-liġi tagħna tistipula f'dan ir-rigward illi : "**Il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fin-nuqqas ta'**

[7] ara affidavit a fol. 13 .
[8] ara affidavit a fol.19 .

**esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet**."[9] Jingħad ukoll illi : "**Il-mandatarju jwieġeb mhux biss għall-għemil doluż, iżda wkoll għal negliġenza fl-esekuzzjoni tal-mandat . Iżda, din ir-responsabilita' kwantu għan-negliġenza għandha titqies b'mod anqas sever fil-każ ta' dak li l-mandat tiegħu jkun bla ħlas, milli fil-każ ta' dak li l-mandat tiegħu jkun bi ħlas.**"[10] Għalhekk "**Meta ma jistax jingħad li kien hemm negliġenza fil-mandatarju, il-mandant ma jistax jiċħad li jagħti l-ħlas u l-kumpens fuq imsemmi, għalkemm l-affari ma tkunx irnexxiet; u lanqas ma jista' jnaqqas is-somma ta' dawk l-ispejjeż li jkunu saru u tal-flus li jkunu nħarġu bona fidi mill-mandatarju, bl-iskuża li setgħu kienu anqas**." [11]

Il-**Baudry-Lacantinerie** jispjega illi : "*Il mandatario risponde per la colpa lieve :* ***culpa levis in abstracto,*** *cioe' di quella colpa che non avrebbe commesso un buon padre di famiglia .*
*Questa era la soluzione che gia dava il Pothier, il quale la giustificava dicendo che 'colui che si incarica della gestione di un dato affare si assume di compiere tutto cio' che e' necessario compiere per tale gestione e conseguentemente tutte le cure e l'abilita', che la medesima riciede' . Il giudice tuttavia dovra' essere un po' piu severo nel suo apprezzamento, quando il mandatario sia salariato* "[12] .

Ingħad f'dan is-sens mill-Qrati tagħna illi : "*il mandatrio e' responsabile non solo pel dolo, ma pure per la colpa nell'esecuzione del mandato, per la ragione che l'affare si ritiene messo sotto la salvaguardia della sua buona fede e della sua prudenza, onde e' tenuto di corrispondervi col suo zelo, colla sua propita' e sua scrupolosa delicatezza; egli nulla deve iprendere di cio che e' contrario agli interessi del mandante, quando anche queste fosse nella*

---

[9] art. 1873 (1) tal-Kap. 16 .
[10] art. 1874 tal-Kap. 16 .
[11] art. 1881 (2) tal-kap. 16 .
[12] Trattato teorico - Pratico di Diritto Civile : Del Mandato para. 593 pag. 323

*ignoranza . Difatti come dice il Troplong, il mandato vive di buona fede*." [13]

Fil-każ in eżami rriżulta illi l-pagament tad-dazju in kwistjoni sar permezz ta' *blank cheque* rilaxxjat mill-Freight Services Limited lill-awtoritajiet tad-Dwana . Dan ġie rilevat mill-konvenut u ma ġie nnegat minn ħadd . Qalulu li din kienet il-prattika biex jitħaffef ix-xogħol[14] . Madankollu ħadd ma ndenja jivverifika jekk il-kont kienx inħadem tajjeb u kieku ma ndunax il-konvenut stess, jidher illi ħadd ma kien ser jitkellem . Aġir simili ma jistax jiġi deskritt għajr bħala traskuraġini jekk mhux ukoll irresponsabilita' da parti tal-mandatarju, li ċertament ma kienx ser iħalli l-affarijiet għaddejin b'dan il-mod li kieku kien qed jittratta ħwejjġu stess . Huwa minnu illi fil-każ in eżami ma kienx il-mandatarju innifsu li direttament wettaq din it-traskuraġini, imma l-aġent tiegħu . Kif ġia ġie rilevat aktar 'l fuq, huwa ammess li l-kuntratt ġie mogħti lis-soċjeta' attriċi, u kien għalhekk dover tagħha li tara illi l-aġent minnha inkarigat għal parti mis-servizz, iwettaq l-obbligi tiegħu kif suppost ; " … *E quand'anche o l'uso in commercio, o una particolare autorizzazione fossa data per la scelta di un subcomissionato, e' certo che sostituendo e delegando, il commissario resterebbe obbligato per quella stessa diligenza a cui egli sarebbe stato tenuto nello adempimento della comissione, e si renderebbe colla sostituzione o delegazione responsabile di tutte le conseguenze in caso di violazione dei doveri."* [15]

Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, is-soċjeta' attriċi għandha dritt tiġi rimborsata biss ta' dak li huwa rejalment dovut . In-negliġenza tal-mandatarju irid ibatiha hu stess . Il-konvenut inkariga lis-soċjeta' attriċi mhux biss biex iġġorlu l-*container* lejn Għawdex, imma wkoll sabiex tagħmel dak kollu meħtieġ ħalli jinħeles l-istess *container* mid-Dwana, ħaġa li l-konvenut stqarr li ma kellu ebda esperjenza dwarha . Ġialadarba inkariga nies esperti

[13] Paolo Monreal vs Antonio Emmanuele Caruana kollez. vol. VIII .458 .
[14] ara affidavit tal-konvenut Dok. AM a fol. 37 .
[15] Not. Achille Micallef noe. vs Michele Apap kollez. vol. X. 165 .

f'dan il-qasam, kellu dritt jistenna li jirċievi servizz xieraq . Minn naħa l-oħra, bħala kumpanija kummerċjali taħdem appuntu f'dan il-qasam, u li kienet ser titħallas tas-servizzi offruti minnha, s-soċjeta' attriċi kellha d-dmir tara illi twettaq il-mandat tagħha fl-aħjar interess tal-mandant .

Irriżulta illi d-dazju fuq il-*components* tal-*computers* importati mill-konvenut tela' għas-somma ta' elf tliet mija tnejn u tletin lira maltija (Lm1332), maħduma fuq valur totali ta' sitt elef seba' mija u erba' u disgħin lira maltija (Lm6794)[16] . Imma l-*invoices* relattivi kienu evidentement jirreferu għal pagamenti f'dollari amerikani, ġialadarba jidher mill-istess fatturi li l-oġġetti taxabbli inxtraw minn stabiliment fi New York[17] . B'valur approssimattiv ta' żewġ dollari u nofs għal kull lira maltija, dik il-ħabta, jiġi illi d-dazju tassew dovut kellu jkun ta' ħames mija tlieta u tletin lira maltija (Lm533) .

L-ammonti l-oħra li jinkludu spejjeż imħallsa u drittijiet tal-mandatarju u/jew l-aġent tiegħu huma ripetibbli, u mhux ġustifikat il-konvenut jirrifjuta li jħallas dawn lis-soċjeta' attriċi, ġialadarba jirreferu għal ħlasijiet li necessarjament kellhom isiru sabiex jiġi rilaxxjat il-*container* mid-Dwana u jitwassal fejn xtaqu l-konvenut, wara l-bieb tad-dar tiegħu . Il-fatt li għad baqagħlu xi dokumenti f'idejn id-diriġenti tas-soċjeta' attriċi ma jintitolahx iżomm il-pagament dovut . Imma minn naħa l-oħra l-istess soċjeta' attriċi, minn mindu spiċċa l-mandat tagħha, ma kellha ebda dritt iżżomm ħwejjeġ appartenenti lill-konvenut f'idejha .

Għalhekk jiġi illi l-ammonti dovuti in konnessjoni ma' dan il-mandat huma s-segwenti :

1. dazju għall-oġġetti mportati[18] : Lm 533.00
2. depożitu tad-Dwana [19] : 600.00

---

[16] Dok. VA 4 a fol . 24 .
[17] Dok. AM 1 a fol. 41 - 43..
[18] kif stabilit hawn fuq
[19] Dokti. VA 1 u VA 3 .

3. documentation fee [20] : 16.00
4. Malta Maritime Authority[21] : 10.00
5. Cargo handling Charges[22] : 38.53
6. postage[23] : 0.35
7. Public Broadcasting Authority[24] : 21.25
8. VAT [25] : 2.40
9. transport [26] : 85.00
10. Freeport charges[27] : 24.00
total : Lm1330.53

Billi jirriżulta illi l-konvenut kien ħallas is-somma ta' elf lira akkont,[28] jiġi li għad baqagħlu jagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tliet mija u tletin lira maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm330.53) .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenut, tilqa' in parti biss it-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara lill-konvenut debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tliet mija u tletin lira maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm330.53) ; u

2. tikkundanna lill-istess konvenut iħallas din is-somma lis-soċjeta' attriċi .

---

[20] Dok. VA 1 .
[21] ibid .
[22] ibid. .
[23] ibid. .
[24] ibid .
[25] ibid.
[26] Dok. A a fol. 5 .
[27] ibid. .
[28] ara affidavit ta' Vito Alfieri a fol. 18 u dak tal-konvenut a fol. 37 .

Billi l-ammont rejalment dovut ġie likwidat biss permezz ta' din is-sentenza, l-interessi jitħallsu b'effett mid-data ta' l-istess sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjeżż fiċ-ċikostanzi, jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mis-soċjeta' attriċi u terz (1/3) mill-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------